MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 51/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**
**Gino Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh globali ta' madwar Lm 30,000 ghad-dannu ta' Joseph Vella, Maria Sciberras u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. wieghed, ta, offra sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li kkonfermat illi

huwa kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hija msemmija fis-subartikolu IV, sabiex gieghlet lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 121A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

3. bil-hsieb li jestorci flus, jew haga ohra, jew talli ghamel qligh jew bil-hsieb li jgieghel lil presuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew li taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil Maria Sciberras, Joseph Vella jew persuna ohra u dan bi ksur tal-artikolu 250 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta‘ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310, 121A, 250, 18, 31, 20, 23, 533 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, qieset id-dannu kbir li dan ir-ragel infligga fuq din il-familja, qieset ukoll id-dannu pekunjarju soffert mill-parte leza, in vista ta’ l-aggravant mahsub taht l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 u li huwa ghandu jbati piena karcerarja effettiva, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kaptiolu 9 u kkundannatu ghal piena ta’ habs [ Recte : Prigunerija] ta’ erba’ (4) snin dan anke wara li kkonsidrat il-fedina penali tieghu, w wara li rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, ikkundannatu jhallas is-somma ta’ mija w zewg liri Maltin u tmienja w hamsin centezmu ekwivalenti f’Euros ghal mitejn u tmienja w tletin Euro w hamsa w disghin centezmu (€238.95) bhala spejjez peritali fi zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi w, f’kull kaz, anke jekk il-Qorti ssib htija, li tigi applikata piena aktar adegwata ghall-kaz skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li meta wiehed jifli sew l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-kostituzzjoni tad-delitti addebitati kontra l-appellant u meta wiehed jifli bir-reqqa kollha l-fatti w ic-cirkostanzi tal-kaz, wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi w cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni. Ir-rikors tal-appell umbaghad jelenka fit-tul il-punti ta' dritt koncernanti kull wahda mill-imputazzjonijiet u janalizza fid-dettall kull cirkostanza ta' fatt sabiex - skond l-appellant - wiehed jara kif dawn jinkwadraw fil-qafas tal-ligi. Fil-qosor janalizza il-karattru taz-zewg allegati vittmi Joseph Vella w Maria Sciberras u kif dawn kienu nies ta' esperjenza li mhux suppost jigu ingannati facilment; li mhux verosimili li l-fatti graw kif allegaw huma ghal diversi ragunijiet; li l-akkuzat fil-fatt kien suldat fil-pulizija militari u ghalhekk, ghalkemm ma kienx fic-CID, kien pulizija; li Vella pprova jwarrab kull htija minn fuqu dwar ir-relazzjoni li kellu man-nisa barranin fuq l-appellant u li kien ipprova jitlob minnghand Coleiro li kien laqqghu mall-appellant somma ta' flus differenti minn dik li qed jippretendi li gie defrawdat minnha issa; li l-versjoni ta' Maria Sciberras lanqas ma kienet verosimili w kredibbli. Finalment, jissottometti li l-piena kienet harxa wisq u li l-appellant, anki kieku kellu jinstab hati, ma setax ikun hati ta' truffa w ta' frodi nnominata w t-tieni reat f' kull kaz serva bhala mezz ghall-fini biex setghu jigu kommessi r-reati komprizi fl-ewwel imputazzjoni w ghalhekk kellu jkun hemm l-assorbiment tal-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Apparti s-sottomissjonijiet, kwotazzjonijiet u riferenzi ghall-awturi dwar l-elementi kostituttivi tar-reati de quo, sottomissjonijiet fuq principji ta' dritt ben noti ghal din il-

Qorti w li din il-Qorti ser tqis meta tigi biex tara l-fatti jinkwadrawx f' dawn l-elementi, l-appell jirigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Illi trattandosi ta' apprezzament tal-fatti, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi“** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)
Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **“R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been*

*done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legittimament u ragjonevoment issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni traskritti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**Joseph Vella** li jinnegozja fl-ispare parts tal-karozzi f' Ghawdex kien thajjar li jsiefer lejn il-Bulgarija ma certu John Coleiro li jgib l-ispare parts u jbieghhom f' Malta. Ftit qabel il-vjegg, induna li maghhom kien ser isiefer ukoll l-appellant w allura kien ra kif ghamel biex jiltaqa' mieghu qabel isiefru flimkien. Coleiro kien introduca lill-appellant bhala pulizija tac-CID. Meta siefru kienu waqfu xi jiem fit-

Turkija w hemm Coleiro xtara xi *spare parts* u wara baqghu sejrin il-Bulgarija. Fi-kors ta' dan il-vjegg dawn it-tlieta kellhom nkontri ma nisa barranin u Vella stabilixxa certa relazzjoni ma wahda minnhom jisimha Angelica. L-appellant kien issuggerixxa lil Vella li jista' jibda' jmur jixtri l-*spare parts* direttament mit-Turkija hu stess u jiffranka l-flus minnflok jixtrihom minnghand Coleiro, li kien qed ibieghhomlu bi prezz oghola.

Meta rritornaw lura Malta l-appellant kien issellef LM1850 minnghand Vella li sar b' bank draft (Dok. JV u JV1). L-appellant beda jzomm kuntatt regolari ma Vella. Darba minnhom l-appellant kien qal lil Vella li superjur tieghu, spettur tal-Pulizija, ried isib akkomodazzjoni f' Ghawdex ghal vaganza fis-sajf izda ma sabx. Vella kien irrangalu w sablu akkomodazzjoni w hallas LM264 (Dok. JV2) ghall din l-akkomodazzjoni. Dan l-'Ispettur" ma kien hadd hlief is-superjur tieghu fl-armata, l-**Kaptan Joseph Pisani** li xehed li meta kien offra l-hlas lill-appellant, dan qallu li ma ried xejn, izda hu kien tah LM120 li kien gabar diga' minnghand dawk li kienu ser imorru mieghu. (fol. 364.) Izda l-appellant qatt ma ta xi flus lil Vella li hu kien hareg biex inkera dan l-appartament.

Vella rega' siefer mal-appellant lejn it-Turkija ghat-tieni darba. L-appellant jghid li kien ta l-ekwivalenti ta' LM2225 f' dollari Amerikani cioe' nofs l-ammont ta' LM4500 li hu kien sarraf ghand l-agenzija FEXCO lill-appellant biex izommhomlu hu meta jkunu dehlin fl-airport biex l-awtoritajiet ma jsibulux hafna flus u li ghax hu kien pulizija ma kienx ikollu problema simili. Meta waslu l-ajruport tat-Turkija, l-appellant qal lil Vella biex johrog qablu biex jekk il-Pulizija Torok izommuh minnhabba l-flus, ma jigux arrestati it-tnejn li huma. Vella jghid li hu hekk ghamel u hareg. L-appellant dam xi kwarta biex hareg warajh u meta hareg l-appellant qallu li dawn il-flus kienu haduhomlu l-Pulizija tat-Turkija ghax ma setax idahhalhom w li kienu ser jaghtuhomlu lura tramite l-Pulizija Maltija. Meta rah inkwetat l-appellant qal lil Vella li jekk ma jiehdux il-flus lura kien lest li johroghom hu w li Vella seta' jzidhomlu mal-kont. Dawn il-flus Vella jghid li qatt ma rega' hadhom.

B' kollox l-appellant u Vella siefru erba darbiet flimkien u Vella jghid li darba minnhom anki hallaslu l-prezz ta' xi xoghol li l-appellant xtara mit-Turkija billi gibed mil-*credit card* tieghu tlitt elef lira. Dawn ukoll ma hadhomx lura. Fir-raba vjegg li sar mill-appellant u Vella, dan tal-ahhar jallega li kien ta lill-appellant erba mitt dollaru biex jixtri xi *mobile phones* u elfejn dollaru iehor biex jixtri xi xoghol.(Dok. JV7). Kien ukoll silef brevi manu LM2000 lill-appellant ghax kellu flusu ffrizati minnhabba separazzjoni li l-appellant kellu ma martu. Vella kien esebixxa dokument DOK JV 6 li juri accettazzjoni ta' "Gino" li ghandu jaghti lil Joseph Vella is-somma ta' LM6084. Vella xehed li ghalkemm kienu ftehmu li igibu xi xoghol flimkien l-appellant dejjem kien jghidlu li dan ix-xoghol kien hemm problemi dwaru w hu qatt ma ha xejn. Hu kien hallas LM1700 ghall-Air Cargo (Dok. JV 10) b' cheque tal-Bank of Valletta tar-Rabat, Ghawdex.

Sadattant ir-relazzjoni ma din Angelica kompliet u l-appellant u Vella gabu lilha w mara ohra Malta w akkomodawhom go flat f' Tower Road, Sliema. Meta kienu marru ghand il-konslu ta' Malta fit-Turkija, dan qalilhom li biex igib il-viza ghal dawn in-nisa irid certu zmien, izda l-appellant beda jsemmi l-kuntatti ma nies importanti li kellu f' Malta u fil-fatt gab il-visa f' gurnata. F' dik l-okkazzjoni meta ssemma quddiem il-konslu li l-Pulizija Torka kienet hadet il-flus lill-appellant, il-konslu kien qalilhom li mhux suppost ghax setghu idahhlu flus kemm riedu t-Turkija w li ghamlulhom hekk ghax sabuhom bciecen. Il-konslu kien qal lill-appellant li jmissu qalilhom li hu kien Pulizija tac-CID f' Malta.

Vella jghid li kien hallas il-passagg ghall-Malta taz-zewg tfajliet imma minnghand l-appellant kien qed jippretendi biss l-ispiza tat-tfajla li gab l-appellant. Din Angelica anki marret Ghawdex ma' Vella, fejn jidher li anki ttiehdu xi ritratti ta' Vella mat-tfajla li mbaghad instabu mill-Pulizija ghand l-appellant (Dok.HD a fol. 24).  Ta' dawn l-ispejjez kien dejjem hallas Vella.

Fil-kaz ta' **Maria Sciberras**, din kienet qed tissepara min ma zewgha w tghid li l-taf lill-appellant bhala Pulizija tac-CID, tant li fuq il-mobile taghha hu kien kiteb "GINO POLICE". Meta sar jaf bis-sitwazzjoni matrimonjali taghha, l-appellant kien qalilha li minn ricerka li kien ghamel kien sab li zewgha kellu *safety deposit box* il-bank HSBC u li hu seta' jkun jaf x' kien fiha din il-*box* imma ried ixahham xi nies. Issemma l-ispettur Darmanin u shabu li kien seta' jaralu. Missierha hallas lill-appellant LM4000 li hi kienet gabret bl-ghajuna ta' missierha Vella w hutha ghal dan il-ghan. Dak il-hin l-appellant ghadda dawn il-flus lill-"Ispettur". Dan sar f' car hdejn l-Ocean Pub, Bugibba w kienu prezenti l-appellant u dan l-"ispettur". Dak in-nhar l-appellant hareg par manetti minn gol-but u qalilhom li ma kien imur imkien minghajrhom, ghax kien dejjem lest li jixxokkja lil xi hadd bihom. Kien ukoll wera flokk imqatta' w qal li tqattalu waqt li qed jipprova jarresta xi gharab.

Aktar tard l-appellant kien cemplilha w qalilha li kienu fethu s-*safety deposit box* u sabu 13 il-borza mimlija bi flus, envelope kannella ssigillat u ritratti ta' xi mara, inkluz xi deheb bhal "Broken heart". Qalilha li kien hemm xi LM78,000 f' din is-*safety deposit box* izda biex jirrangawlha ha tohodhom riedet thallas LM5000. Hi tghid li sselfet LM5000 ohra minghand certa Antonia Antonov w tathom lill-appellant fil-prezenza ta' ragel li supppost kien dan l-ispettur, hdejn il-knisja tal-Qawra. Dawn ma hadithomx lura.

L-appellant u l-"ispettur" kienu anki hargu bi pjan li jakkuzaw lir-ragel ta' Maria Sciberras bi prostituzzjoni ta' zewg nisa Russi biex umbaghad hi tkun tista' tiehu dawn il-flus tal-bank. Pero' meta kellu jsir dan, l-"ispettur" infurmaha li wahda mir-Russi ma setghetx tilghab il-parti taghha ghax dahlet l-Isptar u spicca baqa' ma sar xejn.

Meta Vella ntebah finalment li l-appellant kien qed jigdiblu w ipprova jaqta' minn mieghu, beda jircevi telefonati anonimi minnghand tfajla li bdiet tirrikattah b' ritratti tieghu mat-tfajla barranija w li tmur Ghawdex b' dawn ir-ritratti w tmur ghand il-familja ta' Vella. Hu kien ukoll mar u ggieled ma Coleiro ghax kien hu li kien laqqghu mal-appellant u,

skond Vella, hu kien hass li dan kien komplici mal-appellant.

Meta missierha kien mar johodha ma Coleiro, kien cemplilha l-appellant u qalilha li jekk missierha kien sejjer id-Depot jaghmel rapport, hazin kien ser jaghmel. Heddidha li kellu jmur Ghawdex b' ritratti tal-Moldovjana w missierha w jurihom lilha. Qalilha li l-flus missierha kien tahom lil wahda Moldovjana biex jaghilqa halqha. Hi keshet u cemplet lill-missierha biex tghidlu ma jmur imkien u anki hassha hazin bl-inkwiet. Wara ftit, rega' cemplilha l-appellant biex jara jekk zammitx lil missierha milli jmur jirraporta w hawn hi hedditu jekk kien ser jigri xi haga lill-familja taghha.

**John Coleiro** xehed li kien hu li laqqa' lil Vella mal-appellant, meta siefru flimkien l-ewwel darba. Xehed li jaf li l-appellant hu pulizija ghax hekk qallu l-istess appellant li kien pulizija tac-CID u sa dak in-nhar li xehed kien ghadu ma jafx li ma kien pulizija xejn. Tant li meta kien inqabad il-mutur tal-ex-gharus ta' bintu, ghax kien bla licenzja, hu kien cempel lill-appellant biex jirrangalu xi haga.

**Joseph Debrincat** xehed li meta darba kien wassal lil Vella l-Airport u dan kien ser isiefer ma l-appellant, kien sema' lill-appellant jghid lil Vella: *"Mela tridx taghtini elfejn minnhom biex x' hin naslu t-Turkija, jekk ikun hemm xi problema, nkunu nistghu nghaddu bihom."* Hu ra lil Vella jaghti l-flus lill-appellant dak il-hin pero' ma jafx kemm tah. Meta darba tela' t-Turkija ma Vella u l-appellant kien jara lil Vella jhallas ghal hwejjeg li kien jixtri l-appellant. Xehed ukoll li kien hu li sab il-flat ghall-"Ispettur" habib tal-appellant u dan kien hallas ghalih Vella s-somma ta' LM262. (fol. 139 et seq.)

**Captain Joseph Debono**, Kaptan fl-Armata Maltija, xehed li l-appellant kien *gunner* mal-AFM mid-29 ta' Novembru, 1995, sakemm gie mkecci mis-servizz fil-21 ta' Frar, 2005. Ghal tlitt snin kien jaghmel xoghol ta' *regimental police* fil-Headquarters, jikkontrolla n-nies li jidhlu w johorgu mill-*barracks*. Qatt ma ghamel *course* ta' *regimental police* pero'.  Kien tkecca fuq akkuzi ta' *sick*

*leave* ripetut u lista twila ta' charges (Fol. 227). **PC 128 Joseph Farrugia** (Fol. 223) xehed li l-appellant qatt ma kien membru tal-Korp tal-Pulizija.

**Antonia Antonov** xehdet li f' Novembru kienet selfet LM5000 lil Maria Sciberras li kienet qaltilha li kienet trid dawn il-flus biex taghtihom lil certu Gino tac-CID biex jghaddihom lill xi Spettur, halli jiccekkjaw jekk ir-ragel ta' Sciberras kellux flus il-bank. Dawn il-flus, skond Sciberras, kien biex jithallsu xi nisa li kienu ser jghidu li taparsi r-ragel ta' Sciberras kien qed imur maghhom u b' hekk zewgha kellu jigi arrestat. **Anton Petrov Antonov** kien xehed li martu kienet talbet il-kunsens tieghu biex tislef l-LM5000 lil Maria Sciberras.

Xehdu wkoll **Nazzareno sive Ronnie Zammit** u **Randu Zammit** li qalu li l-appellant kien jghid li hu pulizija tac-CID. Giet ukoll esebita skrittura ta' lokazzjoni (DOK HD2) li fiha Gino Zammit hu indikat bhala pulizija. Din giet konfermata minn **Charles Sant.**

Kien hemm ukoll il-kwistjoni tad-dokument JV6 li skond l-espert tal-kalkligrafija Joseph Gaffiero il-firma fuqu that il-kelma "GINO" m'ghandha x' taqsam xejn mal-kampjuni li ghamel l-appellant quddiemu. In-numru tal-ID card mhux tal-appellant.

Da parti tieghu **l-appellant** fl-istqarrija tieghu (Dok. HD 3 a fol. 31 et seq.) cahad li kien ha dawn il-flus ghalkemm ma jichadx li kien midhla ta' w siefer ma Vella w anki li kien jaf lil bintu Maria Sciberras. Innega li qatt kien ha flus minnghand Vella b' ingann jew b' self. Cahad ukoll li hu kien jipprezenta ruhu bhala Pulizija tac-CID u li kien inganna lil Maria Sciberras b' xi spettur fittizju. Cahad ukoll l-allegazzjoni ta' rikatt bl-uzu tar-ritratti ta' Vella mat-tfajla barranija. Jghid ukoll li l-flus li Vella issa kien qed jippretendi minnghandu kienu l-flus li Vella kien berbaq fuq it-tfajla barranija.

Meta ddepona quddiem l-Ewwel Qorti, **l-appellant,** fost affarijiet ohra, xehed li kien ilu isiefer lejn it-Turkija biex igib xoghol ghall-biegh sa mill-1999. Hu kien jahdem fl-

*army* bhala *regimental police.* Kien iltaqa' ma' Vella tramite Coleiro qabel ma siefru lejn it-Turkija w l-Bulgarija l-ewwel darba w l-iskop ta' dan il-vjegg kien, apparti ta' xoghol, ta' divertiment ma nisa prostituti li kienu jiltaqghu maghhom f' discos umbaghad jisspiccaw f' lukanda maghhom. Hu kien issellef LM1851 minnghand Coleiro biex xtara xi merkanzija w dan biex ma martu jikkonferma li kien mar ghax-xoghol. Tant sar habib ma Vella tul dan l-ewwel vjegg li Vella stess kien offrielu li jisilfu l-flus li l-appellant kellu jaghti lil Coleiro. Fil-fatt kien baghatlu cheque b' dan l-ammont.

Wara ftit regghu ftehmu li jergghu jmorru t-Turkija w din id-darba mar maghhom certu De Brincat, habib ta' Vella. Iddevertew man-nisa w Vella kien nefaq hafna flus fuq it-tfajla tieghu w xtralha gakketta, *mobile phone* w *coat* li qam USD. 2500. Kien ihallas xi LM150 tal-kamra w anki jatiha flus kontanti wara li jigbed mill-*cash link*.

Umbaghad hu w Vella gabu dawn iz-zewg nisa Malta u krewlhom post go tas-Sliema w gawdew kemm felhu maghhom u kien l-aktar li jhallas Vella ghal kollox ghax kien galantom. L-appellant spicca kellu tarbija mit-tfajla tieghu w Vella ffissa fit-tfajla l-ohra Angelica wu kien jatiha hafna flus anki biex tghin lil-ommha.

Meta dawn in-nisa marru lura t-Turkija l-appellant u Vella regghu telghu it-Turkija biex jergghu jiltaqghu maghhom. Regghu ddevertew mat-tfajliet pero' xtraw ftit oggetti biex tal-familja ma jissuspettawx hazin fihom. Umbaghad, meta l-appellant darba mar il-Moldovja wahdu, Vella kien tah envelope mimli flus ghat-tfajla tieghu Angelica w din fethithu quddiem l-appellant. Fuq talba ta' din Angelica Vella kien ukoll baghatilha USD. 1000 ohra fuq il-Visa tal-appellant.

Umbaghad qal li l-hbiberija ta' bejnu w Vella spiccat ghax Vella haseb li kien hu li naffar lil Angelica biex din - li kienet qed tghix mieghu w mat-tfajla tieghu - titlaq minn Malta.

Innega li hu qatt kien iffirma d-dokument JV6 u qal li n-numru tal-karta tal-identita' li kien jidher fuq din l-iskritura ma kienx tieghu. Cahad li hu kien jippoza ta' membru tac-CID jew li kien semma xi "spettur". Ir-ritratti ta' Vella mat-tfajla barranija li nstabu ghandu kien zammhom ghandu fuq it-talba tal-istess Vella biex dan ma jinqabadx mill-familja tieghu. Innega li kien ha jew irceva flus minnghand Vella ghajr is-self fuq imsemmi w il-flus li Vella kien hareg ghall-kirja tal-f*armhouse* li hu kien hallas lura lil Vella. Jsostni li Vella issa qed jippretendi dawn il-flus minnghandu biex jghatti xturu mal-familja tieghu ghal flus li nefaq fuq it-tfajla barranija.

Dwar Maria Sciberras xehed li ma kienx jaf bil-problemi familjari taghha hlief ghal dak li kien jghidlu l-istess Vella, missierha. Innega wkoll li kien irceva xi flus minnghand Maria Sciberras.

L-appellant kien ukoll ressaq xi xhieda in difesa. Wahda kienet it-tfajla tieghu, **Natalie Terios.** Din xehdet dwar kemm kien jonfoq flus Vella fuq it-tfajla tieghu w li dejjem kien ihallas hu tal-erba biex juri lil din it-tfajla kemm kellu flus. Qalet li Vella kien baghat flus lill Angelica mal-appellant u anki taf li l-appellant ta flus lill-Angelica billi gibed mill-VISA card tieghu w dan f' isem Vella. Angelica kienet tivvinta stejjer ta' mard biex Vella jibghatilha aktar flus.

**Marco Rossi** kkonferma li fit-Turkija kien iltaqgha mal-appellant u Vella ma zewg nisa go restaurant pero' cahad dak li allega l-appellant li fuq l-ajruplan Vella kien qallu kemm kien inkwetat ghax nefaq hafna flus fuq in-nisa, imma kien l-appellant li qallu dan, ghax lil Vella ma kienx kellmu.

Ikkonsidrat;

Illi fl-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti, skreditat lill-appellant u abbraccjat il-versjonijiet ta' Vella w bintu Maria Sciberras, kif korroborati minn xhieda ohra, dokumenti w cirkostanzi indizjarji ohra. Osservat ukoll li l-appellant kien kontradett f' certi partijiet tal-versjoni tieghu

minn diversi xhieda indipendenti w anki minn dokumenti esebiti. F' dan din il-Qorti ma ssib assolutament xejn x' ticcensura. Mill-assjem tal-provi voluminuzi fuq sintetizzati, mhux biss temergi stampa cara ta' persuna li tirkeb fuq haddiehor u tiehu vantagg mill-hbiberija li kellha ma Vella, izda ukoll adirittura ta' dak li bl-Ingliz jissejjah *"con man"* jew *"confidence trickster".* Dan it-tip ta' persuna gradwalment jikseb il-fiducja ta' l-vittmi tieghu sakemm, malli jkollu cans, jiehu vantagg minn dik il-fiducja biex jakkwista dak li jkollu f' mohhu li jakkwista. L-Ewwel Qorti, li kellha ukoll il-vantagg li tara w tisma' x-xhieda jiddeponu quddiemha - w mhux bhal din il-Qorti li setghet biss taqra d-depozizzjonijiet traskritti - kellha kull dritt legittimament u ragjonevolment taghmel l-apprezzament tal-fatti li ghamlet. Jidher ukoll li dan m'ghamlitux b' mod azzardat ghax id-decizjoni taghha hija ben motivata w dettaljata w hi logika, bilancjata w treggi perfettament.

Stabilit dan, din il-Qorti rat kif il-fatti li rrizultaw lill-Ewwel Qorti jinkwadraw fl-erba (ghax l-ewwel imputazzjoni tikkomprendi kemm ir-reat ta' truffa kif ukoll dik ta' frodi innominata) dedotti kontra l-appellant, fid-dawl tal-principji ta' dritt, gurisprudenza w kummenti tal-awturi li gew abilment esposti fir-rikors tal-appell u mill-avukati waqt it-trattazzjoni tal-appell.

Din il-Qorti, bla ebda ezitazzjoni ta' xejn, taqbel mal-Ewwel Qorti li fil-kaz ta' Maria Sciberras, fejn ghal darbtejn giet ingannata w mitluba li thallas flejjes kbar biex l-appellant, bl-ghajnuna w bil-komplicita' ta' "Spettur tal-Pulizija" fazull, billi ippoza ta' Pulizija tac-CID, billi wera manetti w ftahar kif juzhom jew irid juzhom u billi wera qmis imqatta' li skondu tqattghet waqt li kien arresta xi gharab, kien hemm il-*messa in scena* li trid il-ligi biex ikun hemm ir-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Hawn l-appellant mhux biss ha vantagg minn sitwazzjoni ta' problema familjari ta' separazzjoni li sabet ruha fiha Maria Sciberras, imma niseg storja mill-aktar elaborata biex biha jinganna lil Sciberras u indirettament u direttament ukoll lill-missierha Joseph Vella. Ivventa li

minn ricerka li kien ghamel kien skopra li zewgha kellu *"safety deposit box"* fil-bank HSBC u li jekk ixahhmu lill-"Ispettur Darmanin" dan jiskopri x' kien fiha din il-kaxxa. Sciberras, bl-ghajnuna ta' missierha w hutha, tatu LM4000 fil-prezenza ta' dan l-ispettur fazull, li kien parti importanti mill-messa in scena, ghal dan il-ghan. Mhux biss, imma wara li ivventa x' kien instab fis-*"safety deposit box"* u webbilha b' ammonti kbar ta' cirka LM78,000, ivventa storja w komplott iehor li bih jekk thallas LM5000 (riduzzjoni minn LM6000) ohra, l-Ispettur fazull, bl-ghajnuna ta' zewg nisa Russi, kien jakkuza lil zewgha b' reati konnessi mal-prostituzzjoni w jarrestah u hi tkun tista' tiehu dawn il-flus kollha li suppost kienu nstabu fil-*box.*

Hawn ma kienx hawn biss il-kliem menzjonier imma pjan elaborat, ixxenjat biex jinganna w jiehu vantagg minn mara li kienet qed tissepara minn zewgha. Dan seta' jaghmlu biss wara li maz-zmien kien kiseb il-fiducja ta' missierha w taghha, billi dejjem jghid ma kullhadd, kif jirrizulta mid-depozizzjoni tax-xhieda indipendenti fuq imsemmija, li hu kien CID.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta: "*L-element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu w li effettivament ikunu nducew lill-vittma fi zball - ingann - li b' konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul"** [20.6.1991].

Dawn l-elementi fil-fehma ta' din il-Qorti kollha jikkonkorru f' dan il-kaz. Inoltre, peress li l-ingann intuza aktar minn darba, biex mil-inqas saru zewg pagamenti lill-appellant u lill-"Ispettur Darmanin" fazull, ir-reat ta' truffa fil-konfront ta' Maria Sciberras, kontemplat fl-artikolu 308 bl-aggravanti tal-ammont kontemplat fl-artikolu 310 (1) (a), kien ukoll reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Fir-relazzjoni bejn l-appellant u Vella, jidher li anki hawn l-appellant, wara li introduca ruhu bhala Pulizija tac-CID u

wara li indiehes ma' Vella u sar *compagno* tieghu fl-avventura sesswali ma zewg nisa li ltaqghu maghhom fit-Turkjija w fit-tradiment tan-nisa rispettivi li kienu mizzewgin maghhom, beda sistematikament jirkbu b' kull mezz li seta' jeskogita. Apparti li kiseb flus b' self minnghand Vella f' diversi okkazzjonijiet, kien qed igawdi mill-iffanfrar ta' Vella li ried jimpressjona lin-nisa li trakkaw maghhom billi ripetutament ihallas ghal kollox u ghal kullhadd. Sa hawn pero' ma jirrizultawx zgur l-elementi la tar-reat ta' truffa w lanqas dak ta' frodi innominata.

Pero' l-attivita' nefarja tal-appellant ma kienetx limitata ghal dan. Wara li akkwista certu axxendent fuq u familjarita' ma Vella, l-appellant spinga l-attivita' tieghu oltre. Almenu f' zewg episodji li rrizultaw pruvati lill-Ewwel Qorti kien hemm ukoll ksur tal-ligi kriminali.

L-ewwel episodju kien proprju meta kienu ser isiefru Vella w l-appellant, meta fl-Airport - fil-prezenza tax-xhud De Brincat - l-appellant issuggerixxa li Vella, li kellu fuqu fl-ekwivalenti ta' LM4000 f' dollari Amerikani, jaghti nofshom lill-appellant biex ma jkollhomx problemi meta jaslu fl-ajruport tat-Turkija. Vella sema' minnu w tah il-flus quddiem De Brincat. Gara pero' li, meta waslu fl-ajruport tat-Turkija, l-appellant qal lil Vella biex johrog l-ewwel hu biex jekk jinqabdu bil-flus, ma jigux arrestati t-tnejn. Hekk sar u Vella hareg. Dam xi kwarta jistenna w l-appellant ma harigx. Meta fl-ahhar hareg l-appellant, qal lil Vella li l-Pulizija jew tad-Dwana kienu hadulu l-flus li kien tah Vella ghax ma setax idahhalhom. Vella beda jinkwieta, izda l-appellant serrahlu mohhu ghax qallu li dawn il-flus issa l-Awtoritajiet Torok kienu jibghatuhom lura ghand il-Pulizija Maltin u jkunu jistghu johduhom lura meta jirritornaw Malta. Fil-fatt ma hadu xejn lura w Vella baqa' minghajr dawn il-flus.

Dan hu kaz klassiku ta' qerq pratikat, sija pure bil-kliem menzonier biss, imma li zgur wassal ghal telf patrimonjali da parti ta' Vella w a vantagg tal-appellant. Ghalkemm hawn ma hemmx l-element tal-*messa in scena* biex jirrizulta r-reat ta' truffa, fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta bla dubju ta' xejn ir-reat ta' frodi innominata kontemplat fl-

artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, bl-aggravanti tal-ammont indikat fl-artikolu 310 (1) (a).

L-istess gara fil-kazijiet fejn l-appellant kien jinduci lil Vella li jhallas ghal xoghol li suppost kellhom jimportaw Malta bi shab, u wara li Vella jhallas u jsiru il-pratiki necessarji biex ix-xoghol jintbaghat Malta, Vella jispicca ma jiehu xejn, ghax l-appellant jghidlu li kien hemm xi problemi biex l-oggetti jaslu Malta. Anki f' dawn il-kazijiet din il-Qorti tirravviza ghall-inqas l-figura tar-reat ta' frodi innominata w tar-reat kontinwat da parti tal-appellant, skond l-artikolu 309, 310 u 18 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant fir-rikors tal-appell li hu ma setax jinstab hati tar-reat taht l-artiukolu 308 u fl-istess hin taht l-artikolu 309 hija infondata, ghax f' dan il-kaz kien hemm atti li jammontaw ghar-reat kontinwat ta' truffa pratikati kontra Maria Sciberras u indirettament kontra Joseph Vella li ukoll hareg xi flus biex Sciberras tikseb il-flus li suppost li kien hemm fil-bank HSBC, kif ukoll atti ohra tar-reat kontinwat ta' frodi innominata pratikata fil-konfront ta' Joseph Vella wahdu.

Illi d-difiza tal-appellant li Vella u Sciberras qed jallegaw dan kollu biex Vella jigbor il-flus li hu berbaq fuq it-tfajla barranija hija biss illazzjoni li ma ssibx konfort fil-provi. Ghalkemm jirrizulta li Vella vera nefaq flus fuq din it-tfajla, biex jiddevertu flimkien, xtralha oggetti, gabha Malta a spejjez tieghu w anki kien jghinha biex hi suppost tghin lill-familja taghha, mhu xejn verosimili li x-xhieda kollha inkluz dawk indipendenti li kollha jaghtu stampa cara tal-agir tal-appellant bhala bniedem li jippoza ta' dak li ma kienx, li dawn xehdu kif xehdu biex javallaw lil Vella fit-tentattiv li jikseb flusu lura minnghand l-appellant intortament, din it-tezi hi stirakkjata ghall-ahhar u l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma accettathiex. Lanqas ma hi verosimili t-tezi difensjonali li Vella kien qed jghid li l-appellant kien hadlu dawn il-flus kollha biex jahbi mill-familja tieghu li kien nefaq flusu mat-tfajla barranija. Apparti li din id-difiza zgur li ma tapplikax ghal kaz ta' truffa kontinwata pratikata fil-konfront ta' Sciberras, bil-fatt li Vella pproceda kontra l-appellant bi proceduri kriminali, kien jaf li xorta ser tohrog

l-istorja tal-involviment tieghu mat-tfajla barranija w ghalhekk mhux talli ma kienx ser jahbi din ir-relazzjoni imma aktar kien ser jippalezha. Fl-ahhar nett it-tezi difensjonali li jekk Vella w Sciberras emmnu dak li kien qed jghidilhom l-appellant kienu bhahan u speci gabu dak li gara b' idejhom, din ukoll mhux difiza valida fic-cirkostanzi. Il-*confidence trickster* tajjeb jirmexxilu jilhaq l-iskop tieghu proprju ghax bil-mod kif jopera jirmexxilu jwaqqa' kull rezistenza w tendenza ghall-inkredulita' li jkollhom in-nies normali b' mod li anki meta mhux suppost, jafdaw lil dak li mhux suppost jafdaw.

Ghalhekk l-aggravji kollha fattwali w legali dwar iz-zewg akkuzi komprizi fl-ewwel imputazzjoni qed jigu respinti bhala nfondati.

Ikkonsidrat,

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, l-appellant instab hati tar-reat gdid introdott recentement bl-Att III tal-2002, bl-artikolu 121A, kif emendat. Illi dan l-artikolu ghandu tlitt subartikoli. Is-subartikolu (1) jaghmilha reat li wiehed iwieghed, jaghti jew joffri, sew b' mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li tkun kapaci li taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna imsemmija fl-artikoli precedenti, bhal ufficjali pubblici, membri tal-Kamra tad-Deputati, gurati, eccetera, sabiex igieghel lil dik il-persuna l-ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.

Is-subartikolu (2) umbaghad jaghmilha reat li xi hadd jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa imsemmija fis-subartikolu (1).

Is-subartikolu (3) jghid li r-reati imsemmija fiz-zewg subartikoli precedenti, jkunu kunsmati sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx

saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2006 fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Noel Arrigo"** gie ritenut li :-

*"li minn ezami tal-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq, biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."*

*"Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, <u>bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C</u>. (sottolinear tal-Qorti)."*

*"Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."*

*"Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi fl-art. 121A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu."*

Ikkonsidrat;

Issa fil-waqt li l-artikoli kontenuti fin-Nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tirriferi b' mod generali ghall-art.121A u ma tghidx ghall-liema sub-artikolu qed tirriferi, d-dicitura li ntuzat fl-akkuza originali pero' turi bic-car li l-akkuza tirriferi ghar-reat kontemplat fis-subartikolu (1) li hu reat ghal kollox differenti minn dak kontemplat fis-subartikolu (2). Ta' l-ewwel hu r-reat ta' min **iwieghed jew joffri**. It-tieni hu r-reat ta' min **jircievi jew jaccetta** xi offerta jew weghda ta' vantagg mhux xieraq. Fiz-zewg kazijiet is-suggett attiv hu differenti. Ir-reati differenti mhumiex komprizi jew involuti f' xulxin.

Issa mill-ezami tal-provi, apparti l-ippuzar ta' membru tac-CID u dak li l-ewwel Qorti sejjhet *"names dropping*" li rrizulta li sar mill-appellant fuq firxa ta' zmien, li ma jammontawx ghar-reat in dizamina, l-unici zewg episodji li jistghu b' xi mod jinkwadraw ruhom taht xi wiehed miz-zewg reati differenti kontemplati fl-art. 121A, huma dawk meta l-appellant talab u accetta flus minnghand Maria Sciberras biex attaparsi jinfluwenza lis-suppost "Spettur Darmanin" biex ifittex u jsib x' kien hemm fis-suppost *safety deposit bo*x fl-HSBC u biex ukoll jigi influwenzat dan l-"Ispettur" biex jarresta lil zewgha fuq reati ta' prostituzzjoni biex Sciberras tikseb ir-rilaxx tal-flus li kien hemm f' din il-*box*.

Imma l-appellant ma giex akkuzat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta' min **jircievi jew jaccetta,** imma b' dak kontemplat fis-subartikolu (1) u cioe' li *"wieghed, ta, offra, sew b' mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li kkonfermat illi huwa kapaci li jaghmel xi infuwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hija msemmija fis-subartikolu* [recte : sub-titolu ] *IV"* .

L-Ewwel Qorti ma jidhirx li apprezzat din id-distinzjoni bejn iz-zewg reati differenti ipotizzati fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 121A u sabet htija skond l-akkuza li mill-kliem uzat fiha jidher car li taqa' taht is-subartikolu (1). Dan ir-reat pero' ma jirrizultax pruvat. Ma rrizulta minn imkien li l-appellant (A) **wieghed jew offra** lil xi persuna (B) xi

vantagg, biex umbaghad din it-tieni persuna (B) taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq persuna ohra (C) biex din tal-ahhar tiddeciedi xi haga.

Invece, fil-kazijiet ta' Maria Sciberras, jirrizulta li l-appellant kien proprju il-persuna (B) li **<u>accettat</u>** vantagg mhux xieraq konsistenti fi hlas ta' flus kontanti ghall-darbtejn biex umbaghad hu jinfluwenza lis-suppost "Spettur Darmanin" (il-pesuna C) kif ghandu jiddeciedi. Dan hu pero' r-reat kontemplat fis-subartikolu (2) u mhux dak kif dedott kontra l-appellant fit-tieni imputazzjoni. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant instab hati hazin ta' din l-imputazzjoni w ghandu jigi liberat minnha.

Ikkonsidrat.

Li dwar l-ahhar reat, dak ta' rikatt kontemplat fl-artikolu 250, dan jikkonsisti *inter alia* filli persuna, bil-hsieb li iggieghel persuna ohra li taghmel jew li tonqos milli taghmel xi haga, thedded li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra.

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, hija sodisfatta li bit-telefonata li l-appellant kien ghamel lil Maria Sciberras kien effettivament heddidha li jekk missierha Joseph Vella kien ser imur jghaddi l-kaz ta' truffa w frodi innominata f' idejn il-Pulizija, hu kien ser imur Ghawdex fejn Vella kellu l-familja tieghu w jikxef ir-relazzjoni li Vella kellu mat-tfajla barranija, billi juri r-ritratti li hu kellu ta' Vella ma din it-tfajla. Bhala fatt irrizulta li l-appellant kien fil-pussess ta' set ritratti (DOK HD a fol. 24) li juru lil Vella flimkien ma tfajla barranija, li ghalkemm mhux pornografici jew intimi, mill-pozi w atteggjament li jidher f' dawn ir-ritratti, jindikaw u jissuggerixxu certa hbiberija zejda ta' ragel anzjan mizzewweg ma tfajla zaghzugha. Certament li dawn ir-ritratti setghu iqajjmu suspetti f' mohh il-qraba ta' Vella kieku kellhom jarawhom, bil-konsegwenti nkwiet matrimonjali w familjari.

Jidher li meta l-appellant hass li ser jigi *"cornered"* u gie infurmat minn Coleiro li Vella kien fl-ahhar zbroffa w kien

ser imur ghand il-Pulizija, iddecieda li jwaqqaf dan billi juza l-karta li kellu f' idejh u cioe' r-ritratti ta' Vella mat-tfajla barranija. Fil-fatt hekk hedded li jaghmel. L-allegazzjoni tal-appellant li dawn ir-ritratti kienu ghandu ghax qallu biex izommhomlu l-istess Vella biex ma jigux f' idejn niesu, anki jekk stess titwemmen, tkompli tikkonferma kemm l-appellant hass li kellu *"trump card"* li jista' jilghab biex izomm lil Vella ma jirraporta l-kaz lill-Pulizija.

Jidher li din it-theddida tal-appellant lil Maria Sciberras fuq it-telephone, kellha - ghall-inqas temporanjament - l-effett mixtieq ghax Sciberras tant bezghet li - apparti li hassha hazin - minnufieh ikkuntattjat lil missierha w insistiet mieghu biex ma jmurx ghand il-Pulizija, kif fil-fatt ghamel.

Anki hawn din il-Qorti -bhall-Ewwel Qorti - tirraviza l-elementi kollha kostituttivi tar-reat dedott ta' rikatt fit-tielet imputazzjoni ghax l-appellant hedded li jaghti malafama lil Joseph Vella jekk hu jirraporta l-kaz lil Pulizija, bi-hsieb li jgieghlu jieqaf milli jaghmel dan. It-tezi avvanzata fir-rikors tal-appell li mhux rikatt li xi hadd, jekk jara li haddiehor ser jakkuzah ingustament, jipprova jiddefendi lilu nnifsu, ma ssib ebda bazi legali. Apparti li f' dan il-kaz, kif fuq espost l-appellant altru milli kien ser jigi akkuzat ingustament, mhu qatt accettabbli li, ghax xi hadd ihoss li ser jigi denunzjat ingustament, jirrikorri ghall-ghodda tar-rikatt li fih innifsu jibqa' dejjem reat punibbli taht il-Kodici Kriminali. F' dat-tip ta' reat la hemm in-nozzjoni tad-difiza tal-kompensazzjoni w inqas u inqas dik tal-legittima difesa, kif donnu qed jipprospetta l-appellant.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint u l-Ewwel Qorti gustament sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi l-ahhar aggravju tal-appellant hu dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, li hu jghid li hija harxa wisq. Illi hu ovvju li jrid ikun hemm certu temperament fil-piena in vista tal-fatt li hu qed jigi liberat mit-tieni akkuza.

Pero' din il-Qorti bla ezitazzjoni taqbel mall-Ewwel Qorti li dan hu kaz fejn konsidrat il-gravita' tieghu, ghandha tigi erogata piena karcerarja effettiva. L-appellant, apparti li nstab hati ta' reati minuri, kien gja nstab hati ta' tentattiv ta' serq bi sgass u kundannat ghall-piena ta' sena prigunerija sospiza ghall-sentejn. Jidher li din l-opportunita' li tatu dik il-Qorti ma swiet ghal xejn ghax wara ikkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati f' din il-kawza.

Illi l-piena ghar-reat kontinwat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 bl-aggravanti skond l-art. 310 (1) (a) tvarja minn minimu ta' tlettax il-xahar sa massimu ta' tnax il-sena prigunerija u l-istess japplika ghal dik tar-reat kontinwat ta' frodi b' eghmil qarrieqi skond l-artikolu 309 bl-aggravanti tal-ammont kontemplat fl-artikolu 310 (1) (a). Il-piena ghar-reat ta' rikatt skond l-art. 250 (1) hi dik ta' minn hames xhur sa tmintax il-xahar prigunerija w f' kaz li bit-theddid il-hati jasal fil-hsieb tieghu - kif jirrizulta li sar ghall-inqas ghal certu zmien f' dan il-kaz - il-piena titla ghall-minimu ta' seba' xhur u massimu ta' tlitt snin skond is-subartikolu (2). B' kollox ghalhekk fuq ir-reati dedotti kontra tieghu fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni , bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni li jinsabu fl-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, l-appellant fuq dawn ir-reati biss seta gie kundannat ghal piena massima ta' dsatax il-sena w sitt xhur prigunerija, w cioe' l-massimu tal-aktar reat gravi w nofs il-massimu tal-piena tar-reati l-ohra. Ghalhekk zgur li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienetx tohrog mill-parametri legali w fic-cirkostanzi ma kienetx eccessiva.

Pero', in vista tal-fatt li issa l-appellant mhux qed jinstab hati tar-reat dedott fit-tieni imputazzjoni, l-piena erogata trid bil-fors tonqos b' dak li fil-fehma ta' din il-Qorti seta' kien il-*"component"* tal-piena ghal dak ir-reat biss fil-piena komplessiva ta' erba snin prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti. Il-piena ghar-reat kontemplat fl-artikolu 121A hija dik ta' minimu ta' tlitt xhur sa massimu ta' tmintax il-xahar prigunerija. Peress li skond l-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali ma setghetx tigi erogata piena aktar minn-nofs il-massimu ghal dak ir-reat, il-*"component"* tal-piena ghat-

tieni imputazzjoni ghalhekk qatt ma seta kien aktar minn disa' xhur prigunerija. Meta wiehed umbaghad iqis il-piena komplessiva fid-dawl tal-pieni ghar-reati li taghhom gie u ser jibqa' jinstab hati, hu ovvju li dan il-"*component"* kien inqas minn hekk. Ghalhekk tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha, l-piena ser titnaqqas b' sitt xhur prigunerija biex tkun tirrifletti b' mod ekwu l-fatt li issa l-appellant qed jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tar-reati kollha dedotti fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-perizja fl-ammont ta' mitejn u tminja w tletin Ewro u hamsa w disghin centezmu (E 238.95c) skond l-art. 533 tal-Kodici Kriminali, fi zmien xahar, li pero' jibda' jiddekorri mil-lum, u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghal erba (4) snin habs [recte : prigunerija], u minnflok ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni w minnha tilliberah u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' tlitt snin u sitt xhur prigunerija ghar-reati li taghhom instab hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------